

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2017 – Numbi vs Il-Kunsill****(Kawża T-144/17)**

(2017/C 129/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* John Numbi (Kinxasa, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentant: O. Okito, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/2230 li jimplementa d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231, tat-12 ta' Diċembru 2016, li timponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK, safejn tikkonċerna lil John Numbi;
- tikkundanna lill-Kunsill, minbarra għall-ispejjeż tagħha stess, għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrent kif ukoll mill-intervenjenti kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-kawża T-139/17, Kibelisa vs Il-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Marzu 2017 – Kanyama vs Il-Kunsill****(Kawża T-145/17)**

(2017/C 129/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

*Rikorrent:* Célestin Kanyama (Gombe, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo) (rappreżentant: O. Okito, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tittieħed deċiżjoni fuq l-annullament tar-Regolament (UE) 2016/2230 li jimplementa d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2231 tat-12 ta' Diċembru 2016 li timponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, u li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK, sa fejn tikkonċerna Célestin Kanyama;
- tikkundanna lill-Kunsill li jsostni, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk tar-rikorrent kif ukoll tal-intervenjenti kollha.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi li huma sostanzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-139/17, Kibelisa vs Il-Kunsill.

---